# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 5 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 4/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**CT**

**vs**

**SC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CT, datat 4 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

<u>*Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza*</u>

1. *Minn relazzjoni bejn il-kontendenti, fit-18 ta' Frar 2017 twieldet tifla bl-isem ta' GC, li llum, fl-eta' ta' sena, ghadha minorenni (Dok.'A').*

2. *Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti llum intemmet ghal kollox.*

3. *Minkejja l-isforzi estenwanti tar-rikorrenti, l-kontendenti naqsu milli jilhqu ftehim dwar l-ezercizzju tad-drittijiet u l-obbligi taghhom fil-konfront tal-imsemmija minorenni ; dan unikament sofrz l-intransigenza assoluta tal-intimat.*

4. *Ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi f'din l-istanza in forza ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti digriet datat 11 ta' Dicembru 2018 (Ittra nru. 1351/2017 ; digriet nru. 2719/2018). (Dok. 'B')*

5. *Ir-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

<u>*Raguni tat-Talba*</u>

6. *Ghar-ragunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma sehhitx, ir-rikorrenti ma kellha ebda ghazla ghajr illi tipprocedi kontra l-intimat f'din l-istanza.*

7. <u>*Talbiet*</u>

*Jghid ghalkhekk l-intimat, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna, u moghtija dawk il-provvedimenti kollha mehtiega fic-cirkostanzi:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minorenni GC u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni.*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghandha tigi fdata bil-kura ordinarja tal-minorenni GC biex b'hekk tordna lli l-istess minorenni ghandha tibqa' tirrisjedi flimkien mar-rikorrenti.*

3. *Okkorrendo, tiffissa modalita' ta' access favur l-intimat, ghall-minorenni GC, u dan dejjem tenut kont tac-cirkostanzi tal-imsemmija minorenni u kif ukoll tal-kontendenti, filwaqt illi tiddikjara u tiddeciedi 'lli tali access ghandu, f'kull kaz, jigi ezercitat b'dik il-modalita' u gewwa lok u f'cirkostanzi idonei ghall-benessere morali u fiziku tal-istess minorenni.*

4. *Tiffissa retta alimentari dovuta lir-rikorrenti mill-intimat versu l-htigijiet tal-minorenni GC, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri l-kontribut dovut mill-intimat versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni u tordna lill-istess intimat ihallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-istess retta alimentari versu z-zieda fil-gholi tal-hajja.*

5. *Jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma jidhrilix illi ghandha tilqa' ir-raba' talba attrici, in kwantu din tikkoncerna l-inkluzjoni tal-htigijiet edukattivi u medici u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minorenni GC fis-somma illi din l-Onorabbli Qorti qieghda tintalab tistabbilixxi skont it-talba precedenti, tordna lill-intimat jikkontribwixxi separatament versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minorenni GC u tordna lill-istess intimat ihallas tali kontribuzzjonijiet skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.*

6. *Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-minorenni GC tigi percepita mir-rikorrenti ad eskluzjoni tal-intimat.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat 'lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' SC, datata 7 ta' Frar 2019, a fol 14 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponent jecepixxi illi l-kawza intavolata mir-rikorrenti CT hija fuori termine, in kwantu illi l-kawza giet istitwita wara l-perjodu perentorju ta' xahrejn stabbilit mil-ligi, senjatament minn Artikolu 11(1) ta' l-Avviz Legali 397/2003 (Ligi Sussidjarja 12.20 taht il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), liema perjodu huwa dekorribbli mid-digriet tal-Qorti li jaghti lill-partijiet l-awtorizzazzjoni sabiex jipprocedu b'kawza wara illi tkun falliet il-medjazzjoni;*

   *F'dan is-sens, jigi rilevat illi ghalkemm ir-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta datat 11 ta' Dicembru 2018, effettivament il-medjazzjoni illi pprecediet dawn il-proceduri - Medjazzjoni Numru 1351/2017 - kienet diga giet maghluqa precedentement minn din l-istess Qorti diversament presjeduta, ossia mill-Imhallef Antonio G. Vella li quddiemu kienet qed issir din l-istess medjazzjoni. Fil-fatt kif jirrizulta mill-atti ta' din l-istess medjazzjoni, il-medjazzjoni giet maghluqa mill-Imhallef Antonio G. Vella u l-partijiet inghataw l-awtorizzazzjoni sabiex jmexxu bil-kawza opportuna fit-terminu*

*impost mil-ligi, kwindi fi zmien xahrejn, permezz ta' digriet moghti waqt seduta mizmuma quddiem l-istess Imhallef fil-31 ta' Ottubru 2018, ghal-liema seduta kienu prezenti sia il-partijiet sia l-avukati rispettivi taghhom, u dan kif jirrizulta mill-kopja legali ta' l-istess digriet hawn taht annessa u mmarkata bhala* ***Dok. SS1****. Dan ifisser allura illi t-terminu ta' xahrejn impost mill-ligi ghall-ftuh tal-kawza beda jiddekorri mill-31 ta' Ottubru 2018 meta inghatat l-awtorizzazzjoni mehtiega, u skada fil-31 ta' Dicembru 2018, u ghandu jkun dan id-digriet li japplika ai finijiet tat-terminu illi fih kellha tigi intavolata l-kawza odjerna u mhux id-digriet ta' din il-Qorti kif presjeduta moghti sussegwentement fil-11 ta' Dicembru 2018, liema digriet ma jirrevokax u wisq anqas jissostitwixxi d-digriet moghti precedentement mill-Imhallef Antonio G. Vella, u lanqas ma jestendi t-terminu ta' xahrejn ghal ragunijiet gravi kif jitlob l-Artikolu 11(1) su-citat. Ghaldaqsant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddisponi minn din il-kawza odjerna u tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-ewwel talba rikorrenti ghandha tigi michuda, u minflok din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex taffida l-kura u kustodja tal-minuri GC  b'mod kongunt bejn il-partijiet stante illi kif ser jigi ukoll ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-intimat dejjem ha sehem attiv ferm fil-hajja ta' minuri u jrid jibqa' jiehu sehem attiv fil-hajja taghha u fid-decizjonijiet kollha relatati ma' bintu fl-interess ta' l-istess bintu minuri, u dana kif qieghed ukoll jintalab mill-intimat fil-kawza intavolata minnu fit-28 ta' Dicembru 2018 bin-numru 337/2018 JPG fl-ismijiet inversi, u fl-ispirtu ukoll ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-medjazzjoni 1351/2017 datat 6 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu, il-kura u kustodja giet pendente lite fdata f'idejn iz-zewg partijiet konguntivament (****Dok. SS2****), liema digriet konvenjentement ma ssir l-ebda riferenza ghalih fir-rikors guramentat tar-rikorrenti. Filwaqt illi l-ewwel talba rikorrenti turi l-intransigenza tar-rikorrenti illi kulma ma jmur hlief timpika ma' l-intimat ma ghamiltx u trid, jekk jista' jkun, telimina lill-intimat minn hajjet il-minuri, wara illi l-eziztenza tat-tarbija fid-dinja huwa biss unikament grazzi ghall-intimat li waqqaf lir-rikorrenti kemm-il darba milli tehles minn din it-tarbija waqt it-tqala kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, f'din l-eccezzjoni tieghu, u kif anki rifless fil-kawza minnu intavolata fl-ismijiet inversi su-riferita, l-intimat da parti tieghu bl-ebda mod m'hu qieghed jippretendi illi r-rikorrenti m'ghandhiex tkun parti u partecipi fid-decizjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri u ghalhekk qieghed jinsisti illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet li t-tnejn huma genituri b'mod ugwali u li t-tnejn ghandhom id-dritt jiehdu dawk id-decizjonijiet kollha rigward binthom minuri flimkien;*

3. *Illi ghal dak li jikkoncerna t-tieni talba rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha ukoll tichad din l-istess talba, u minflok tordna illi l-kura ordinarja tal-minuri, fl-interess tal-minuri, ghandha tghaddi f'idejn l-intimat, u ghalhekk il-minuri ghandha minflok tirrisjedi ma' l-intimat u dana peress illi, kif ser jigi ppruvat ukoll waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ir-rikorrenti ghaddiet minn diversi problemi, specjalment minn problemi ta' natura psikika serjissimi, sia waqt it-tqala u wara t-tqala, u l-intimat m'ghandu l-ebda garanzija illi dawn l-istess problemi, li giet milquta bihom l-omm gew sorvolati u l-omm hija llum mfejjqa, u huwa ghalhekk fl-interess tal-minuri illi l-kura ordinarja taghha tghaddi ghand missierha sakemm jigi accertat illi ma jezizti assolutament l-ebda periklu ghall-minuri li tinghata fil-kura ordinarja ta' ommha;*

4. *Illi ghal dak li jirrigwarda it-tielet talba, l-intimat jirrileva illi fl-eventwalita illi din l-Onorabbli Qorti tichad it-tieni talba rikorrenti sabiex il-kura ordinarja tal-minuri tkun fdata f'idejn ir-rikorrenti, din il-Qorti ghandha tiffissa l-access li r-rikorrenti ghandu jkollha ghall-minuri, filwaqt illi fl-eventwalita illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-tieni talba rikorrenti, naturalment ma hemm l-ebda oggezzjoni illi ghandu jigi stabbilit access adegwat tal-intimat ghal bintu minuri, inkluz sleep-overs, u access waqt il-festi pubblici u l-vaganzi tal-minuri, b'tali mod illi z-zewg partijiet jgawdu lil binthom b'mod ugwali bejniethom, tenendo kont tax-shifts tax-xoghol tal-partijiet li t-tnejn jahdmu bhala nurses fl-Isptar Mater Dei u anki tenendo kont tal-fatt illi l-intimat sa mit-twelid tal-minuri GC ried u jrid kemm jista' jkun iqatta' l-aktar hin possibbli ma' bintu, u fil-fatt kif ser jirrizulta ukoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza kien hemm ukoll xhur twal filwaqt li kienet ghaddejja l-medjazzjoni bejn il-partijiet illi l-access kien kwazi tista' tghid nofs bin-nofs bejn il-partijiet, liema access twaqqaf hesrem mir-rikorrenti sempliciment minhabba pika u intransigenza da parti taghha u ghaliex ma giex konkluz ftehim b'dawk il-kundizzjonijiet illi riedet biss timponi r-rikorrenti;*

5. *Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-raba' talba rikorrenti, u minflok tiffissa l-manteniment li ghandu jithallas mir-rikorrenti jew mill-intimat, skond ma' min tigi fdata l-kura ordinarja tal-minuri, ai termini tat-tieni talba rikorrenti u l-eccezzjoni numru 3 ta' l-intimat, separatament mill-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, liema spejjez l-intimat jirrileva illi fi kwalunkwe kaz ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, kif del resto diga qieghed jsir prezentement, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-hames talba' rikorrenti, u in linea anki ma' l-eccezzjoni ta' l-intimat fil-paragrafu precedenti, hemm qbil ma' din il-hames talba in kwantu din l-Onorabbli Qorti ghandha tiffissa l-manteniment dovut ghall-minuri kif ukoll li l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri ghandhom ikunu separati u mhux inkluzi fil-manteniment, b'dan illi l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom kif dejjem sar bejn il-partijiet, u b'dan illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tindika min mill-partijiet jrid jhallas ghal manteniment u s-sehem tieghu ta' nofs l-ispejjez tal-minuri lill-parti l-ohra dipendenti fuq jekk il-kura ordinarja tal-minuri tigix fdata lir-rikorrenti jew lill-intimat kif qieghed jintalab u jigi eccepit minnhom rispettivament;*

7. *Illi ghal dak li jirrigwarda s-sitt talba, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi kwalsiasi assistenza jew beneficcju statali fil-konfront tal-minuri ghandu jithallas lil dik il-parti li maghha jigi deciz illi ghandha tirrisjedi l-minuri ai termini tat-tieni talba rikorrenti u ta' l-eccezzjoni numru 3 ta' l-intimat u in oltre tali assistenza u beneficcji socjali ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti meta tigi biex tiffissa l-manteniment mensili ghall-minuri u kif ghandhom jinqasmu l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri bejn il-partijiet;*

8. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-ligi;*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti illi hija minn issa ingunta in subizzjoni*

Rat illi l-atti tal-medjazzjoni numru 1351/2017 gew allegati ma' din l-kawza (vide fol 30);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza parzjali dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat. Permezz tal-eccezzjoni preliminari tieghu, l-intimat eccepixxa illi r-rikorrenti ntavolat din l-azzjoni fuori termini, peress illi prezentat ir-rikors promotur taghha wara l-perjodu ta' xahrejn stabbilit fir-regolament numru 11 tal-Ligi Sussidjarja 12.20. L-intimat sahaq illi l-azzjoni tar-rikorrenti kellha tigi istitwita fi

zmien xahrejn mill-31 ta' Ottubru 2018, u cioe meta kienet inghata digriet minn din il-Qorti diversament presjeduta, permezz ta' liema, kienet inghalqet il-medjazzjoni waqt is-seduta mizmuma fid-data msemmija.

Minn naha taghha, ir-rikorrenti tichad illi dawn il-proceduri gew istitwiti fuori termini, peress illi skont hi, kellhom jigu istitwiti fi zmien xahrejn mill-11 ta' Dicembru 2018, u galadarba r-rikors promotur gie prezentat fl-4 ta' Jannar 2019, l-eccezzjoni preliminari tal-intimat ma tistghax tigi milqugha. Hija targumenta wkoll illi anke li kieku kellu jigi accettat l-argument tal-intimat pero illi r-rikors promotur gie ntavolat fuori termini, skont il-gurisprudenza, il-konsegwenza ta' dan m'huwiex illi l-azzjoni tigi ddikjarata nulla, izda sempliciment illi l-partijiet jigu rreferiti ghall-medjazzjoni sabiex imbaghad jigu sanati l-atti.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi fil-proceduri ta' bejn il-partijiet sehhet irregolarita, fis-sens illi jidher li hemm zewg digriet li ordnaw l-eghluq tal-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet u awtorizzawhom li jipprocedu permezz ta' kawza. L-ewwel wiehed minn dawn id-digriet kien inghata seduta stante minn din il-Qorti diversament presjeduta, waqt li kien qed jigi trattat ir-rikors numru 1351/2017/3, kif jidher mill-verbal tal-31 t'Ottubru 2018.

Ddan id-digriet pero' qatt ma kien gie kkomunikat lir-Registratur jew lil Medjatur. Filfatt, il-Medjatur, li baqa' ma giex informat li din il-Qorti diversament presjeduta kienet ordnat l-eghluq tal-medjazzjoni fit-31 t'Ottubru 2018, kien irrediga nota fis-27 ta' Novembru 2018 permezz ta' liema informa lil din il-Qorti illi l-partijiet ma lahqux ftehim. In vista ta' din in-nota, din il-Qorti kif preseduta kienet iddikjarat il-medjazzjoni tal-partijiet maghluqa, u awtorizzatahom sabiex jipprocedu b'kawza, permezz tad-digriet taghha tal-11 ta' Dicembru 2018.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti ivverifikat mar-registru elettroniku tal-Qorti sabiex tistabilixxi meta din il-medjazzjoni giet effettivament maghluqa. Minn din il-verifika, irrizulta lil Qorti illi din il-medjazzjoni giet maghulqa **ufficjalment fil-11 ta' Dicembru 2018**. Illi ghalhekk, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, it-terminu ta' xahrejn previst mill-ligi beda jidekorri mill-11 ta' Dicembru 2018, u mhux mit-30 t'Ottubru 2019. Minn dan isegwi illi l-eccezzjoni preliminari tal-intimat hija nfondata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**